**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 316 tal-25 ta' Frar 2025 dwar imġiba u diskors oġġezzjonabbli fil-Kamra**

Is-Seduta tal-bieraħ it-Tnejn, 24 ta' Frar 2025, kienet seduta li ma tagħmel l-ebda ġieħ għad-dinjità ta' din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Is-Sedja, bl-aktar mod qawwi u kategoriku, kif għamlet ukoll fis-seduta tal-bieraħ, tiddeplora l-imġiba ta' dawk il-Membri Parlamentari miż-żewġ naħat tal-Kamra illi l-aġir tagħhom wassal sabiex jinħoloq diżordni, tant li l-Kamra kellha tiġi sospiża ħames darbiet, b'mod li l-Kamra ma setgħet bl-ebda mod tkompli bil-ħidma tagħha.

Is-Sedja tagħmel referenza għal ruling li ngħata lejn it-tmiem tas-seduta tal-bieraħ fejn is-Sedja talbet li jiġu rtirati xi kliem indirizzati lill-Onor. Alex Borg min-naħa tal-Prim Ministru, u mill-Kap tal-Oppożizzjoni fil-konfront tal-Prim Ministru. Wara din id-direzzjoni mis-Sedja, li talbet, u nikkwota:

> "Is-Sedja qiegħda titlob li l-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni għandhom jirtiraw il-kliem indikati lis-Sedja miż-żewġ naħat, u ċjoè min-naħa tal-Kap tal-Oppożizzjoni il-kliem 'assoċjati mal-kriminali u koċċuti' indirizzati lill-Prim Ministru, u min-naħa tal-Prim Ministru l-kelma 'pulċinell' fil-konfront tal-Onor. Alex Borg."

Is-Sedja tinnota illi wara din id-direzzjoni tagħha l-Prim Ministru qal hekk:

> "Sur President, jien dejjem għandi rispett lejn is-Sedja, kemm meta naqbel u kemm meta ma naqbilx mar-Rulings u minkejja li l-kumment tiegħi kien wieħed kompensatorju għal dak li qal l-Onor. Alex Borg, fejn qal li jien m'iniex denju li nokkupa l-kariga ta' Prim Ministru, naturalment ladarba hemm dak ir-Ruling min-naħa tas-Sedja jien nimxi miegħu u nirtira dak li għedt."

Is-Sedja hija għalhekk ikkonfortata illi l-Prim Ministru rtira l-kliem kif indikat mis-Sedja.

Is-Sedja semgħet ukoll lill-Kap tal-Oppożizzjoni li qal illi:

> "Sur President, jien inżomm mal-kliem li għedt għaliex il-Qorti ddikjarat li persuni għolja fil-Gvern kienu kompliċi ma' dawk li serqu lill-poplu Malti l-isptarijiet tal-poplu."

Għal dan is-Sedja wieġbet illi:

> "Nifhem li inti mhux timxi mar-Ruling tiegħi. Grazzi. Issa s-Sedja tieħu l-passi li għandha tieħu."

Dwar lingwaġġ mhux parlamentari, is-Sedja, għal darb' oħra, terġa' tfakkar f'dak li tgħid l-Ordinanza dwar is-Setgħat u l-Privileġġi tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, u nikkwota Artikolu 11(4) tagħha li jgħid illi:

> "Ikun reat kontra din l-Ordinanza:
>
> … (b) kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas

> ta’ qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta’ qima jsiru quddiem il-Kamra jew xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;”

U f’dak li jgħid Erskine May u ċjoè:

> “Good temper and moderation are the characteristics of parliamentary language. Parliamentary language is never more desirable than when a Member is canvassing the opinions and conduct of their opponents in debate. The Speaker will accordingly intervene in such cases and will also intervene in respect of other abusive and insulting language of a nature likely to create disorder.”

Is-Sedja, wara li semgħet lill-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, fejn qal illi mhu se jirtira l-ebda kliem indirizzat lill-Prim Ministru indikat aktar kmieni, li ċertament mhuwiex parlamentari, u ċertament huwa oġġezzjonabbli, kif fil-fatt ġie deċiż fl-istess ruling, qiegħda għalhekk bl-aktar mod kategoriku tiċċensura b’mod assolut dak il-kliem, li ċertament mhuwiex den ta’ ebda Membru li jgħidu fil-Kamra waqt kwalunkwe dibattitu. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi hemm ir-rimedji u jekk wieħed irid jikkontesta kwalunkwe deċiżjoni tas-Sedja, hemm ukoll l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra li jirregolaw dan. L-imġiba xejn dinjituża, kważi tal-mistħija u deplorabbli għall-aħħar, kif fil-fatt rajna fis-seduta tal-bieraħ, ma hawnx lokha f’din il-Kamra.

Għalhekk, is-Sedja terġa’ tħeġġeġ lill-Onorevoli Membri kollha biex l-imġiba tagħhom tkun skont l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, mhux biss għas-seduta tal-lum iżda għas-seduti kollha. Dan b’rispett lejn il-Kamra, lejn l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, u fuq kollox lejn il-poplu li jsegwi mill-qrib id-dibattiti f’din l-ogħla istituzzjoni.